# Beati u Qaddisin ...Frar

## SAN GABIRJIEL TA' L-ADDOLORATA

## FRAR 27



Kien zaghzugh gej minn familja rispettata ( missieru kien ufficjal gholi fis-Santa Sede). Kien intelligenti, u jaf igawdi, tifel sabih fl-apparenza u jaf izomm ruhu. Jilbes sabih u kultant b'mod raffinat. Ma kienx imgerrex mis-socjeta u b'dik il-vuci sabiha tieghu kien isahhar lil kulhadd bil-kant tieghu. U kien jaf b'dan id-don li kellu.

Imzejjen b'dan il-karattru kien jobghod ikun maqful id-dar u ghaldaqstant kien jithallat mas-socjeta' u jmur ghall-kacca ma' shabu. Ihobb jaqra r-rumanzi, it-teatru u z-zfin.  Haga wahda kellu kontrih:

kien jghir ghal huh ghaliex missieru kien ta biss lil dan huh il-permess li jpejjep.

Kellu karattru sentimentali: quddiem il-mizerja u t-tbatija kien jaf ihenn.  imma kultant bizzejjed l-inqas xrara biex jinkorla u juri rabja kbira.  Pero' kellu l-virtu' tal-kuragg li bih ma kienx jisthi juri li huwa nisrani, li jitlob u jmur il-knisja. Dan hu l-kwadru kollu taz-zaghzugh li kien jaf igawdi dak kollu li toffri d-dinja.

Imma ta' 18 il-sena mar go kunvent biex jidhol religjuz passjonista. X'kien gara biex tbiddel daqshekk?

Qabel ma sar jismu Gabrijiel ta' l-Addolorata, iz-zaghzugh kien jismu Francesco Possenti minn Assisi. Twieled fl-1 ta' Marzu tas-sena 1838 goi familja numeruza, li l-omm Agnese u l-missier Sante kien jikkuraw bl-akbar ghozza fir-religjon ta' Kristu.

Ta' erba' snin tilef lil ommu li mietet meta kellha biss 38 sena. Meta kien isejjah lil ommu kienu jghidulu li "ommu kienet hemm fuq" filwaqt li jippuntaw lejn is-sema. Sa minn eta' zghira kienu darrewh jghid ir-Ruzarju u b'hekk kiber fid-devozzjoni lejn Omm Kristu. Fil-kamra tieghu kien hemm sponuta statwa ta' Marija Addolorata. Spiss kien jiftakar fid-duluri ta' din l-Omm u ghalhekk ghazel l-isem ta' Gabrijiel ta' l-Addolorata meta dahal jaghmel parti mill-kongregazzjoni tal-Passjonisti.

Ir-raguni tal-konverzjoni tieghu kienu zewg grajjiet li sehhew quddiem ghajnejh. Il-mewt ta' ommu u zewg hutu u l-mewt ta' ohtu l-kbira bil-marda tal-kolera fis-sena 1855. Dan kollu wrieh il-frughat tad-dinja u ddecieda li jhalli kollox warajh biex jinghaqad mal-Passjonisti.

Grajja ohra li sahhitlu fehmtu kienet il-purcissjoni ta' Marija Assunta. Quddiem il-harsa helwa ta' Marija Ssma huwa hass minn jghidlu: " Francesco, inti ma intix mahluq ghad-dinja. X'inti tistenna? Segwi s-sejha tieghek."

Huwa ha decizzjoni u sar jismu Gabirjel ta' Marija Addolorata. Fuq il-parir tal-konfessur tieghu u kontra dak ta' missieru (billi kien ta' ghajnuna kbira fix-xoghol tieghu u ma riedx jitlef l-ghajnuna tieghu) dahal novizz mal-passjonisti.

Francesco hass li ghamel l-ghazla t-tajba u stqarr ma' missieru li kien ghadu jittama li ibnu jdawwar fehemtu, li fil-kunvent sab paci profonda tal-qalb. Il-hajja religjuza ma bezzaghtux. Lil missieru qallu f'ittra li kitiblu: " Ma nibdel ma xejn kwarta quddiem Ommna Marija Ssma, anqas ma' sena jew kemm zmien trid fix-xalar tad-dinja." Malajr addata ruhu ghar-regola tal-penitenza, talb u meditazzjoni fuq il-passjoni ta' Kristu.

Fis-sena 1859 Gabirjiel irtira ma' shabu n-novizzi gewwa Isola dal Gran Sasso biex jithejja ghas-sacerdozju bl-istudji, talb, penitenza u atti ohra ta' tjubija. Huwa ha vot addizzjonjali li jxerred id-devozzjoni lejn Marija Addolorata.

F'sahhtu mar lura kemm minhabba r-regola tal-kunvent, minhabba il-fiziku fragli tieghu, kif ukoll minn privazzjonijiet li kien jaghmel volontarjament. Marad bit-tuberkolosi fil-pulmun li wasslu ghall-mewt fis-sena 1862 meta kellu biss 24 sena. Qabel ma miet talab lill-konfessur tieghu biex jeqred id-djarju li fih kien inizzel il-grazzji li kien jircievi minghand Marija Ssma. Beza' li x-xitan jinqeda' bid-djarju u jittantah bil-vanaglorja fl-ahhar mumenti ta' hajtu. Il-konfessur ghamel dak li xtaq iz-zaghzugh passjonista. Gabirjel irringrazzjah imma ahna tflina tezor spiritwali kbir.